ISSN 1725-5104

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 178

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

13 ta' Lulju 2010

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 610/2010 tat-12 ta' Lulju 2010 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1285/2009** 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 611/2010 tat-12 ta' Lulju 2010 li japprova emendi minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Basilico Genovese (DPO)]** 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 612/2010 tat-12 ta' Lulju 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Fasola korczyńska (IĠP)]** 11

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 613/2010 tat-12 ta' Lulju 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Miód kurpiowski (IĠP)]** 13

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 614/2010 tat-12 ta' Lulju 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 15

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

Prezz: 3 EUR

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2010/385/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2010 dwar il-konklużjoni tal-Istatut tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA) mill-Unjoni Ewropea** 17

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/386/PESK tat-12 ta' Lulju 2010 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet suġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu** 28

2010/387/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Lulju 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2008/630/KE dwar miżuri ta' emerġenza li japplikaw għall-krustaċji importati mill-Bangladexx u li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4739)* ([1]) 31

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 610/2010

tat-12 ta' Lulju 2010

li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1285/2009

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill adotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1285/2009 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 ([2]), li jistabbilixxi lista aġġornata ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001.

(2) Il-Kunsill ipprovda lil kull persuna, grupp u entità li għalihom dan kien possibbli fil-prattika b'dikjarazzjonijiet ta' raġunijiet fejn fisser għaliex huma kienu elenkati fir-Regolament (UE) Nru 1285/2009. Fil-każ ta' żewġ persuni, ingħatat dikjarazzjoni emendata ta' raġunijiet f'April 2010.

(3) B'avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]), il-Kunsill informa lill-persuni, gruppi u entitajiet elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1285/2009 li hu ddeċieda li jżommhom fuq il-lista. Il-Kunsill informa wkoll lill-persuni, gruppi u entitajiet ikkonċernati li kien possibbli li tintalab dikjarazzjoni ta' raġunijiet tal-Kunsill għall-inklużjoni tagħhom fil-lista fejn din ma kinitx diġà ġiet ikkomunikata lilhom. Fil-każ ta' żewġ gruppi, saret disponibbli f'April 2010 dikjarazzjoni emendata ta' raġunijiet ([4]).

(4) Il-Kunsill għamel reviżjoni kompleta tal-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(3) ta' dak ir-Regolament. Meta għamel din, huwa ħa kont ta' osservazzjonijiet ippreżentati lill-Kunsill minn dawk ikkonċernati.

(5) Il-Kunsill ikkonkluda li m'għadx hemm raġunijiet biex ċerti persuni jinżammu fuq il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għaliha japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001.

(6) Il-Kunsill ikkonkluda li bl-eċċezzjoni tal-gruppi msemmija fil-premessa (5), il-persuni, gruppi u entitajiet l-oħra elenkati fl-Anness ma' dan ir-Regolament kienu involuti f'atti terroristiċi fis-sens tal-Artikolu 1(2) u (3) tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ([5]), li ttieħdet deċiżjoni fir-rigward tagħhom minn awtorità kompetenti fis-sens tal-Artikolu 1(4) ta' dik il-Pożizzjoni Komuni, u li huma għandhom ikomplu jkunu suġġetti għall-miżuri restrittivi speċifiċi previsti fir-Regolament (KE) Nru 2580/2001.

(7) Il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001 għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista prevista fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 għandha tinbidel bil-lista li tinsab fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70 (MT: Edizzjoni Speċjali, Kap 18, Vol 1, p. 207).
([2]) ĠU L 346, 23.12.2009, p. 39.
([3]) ĠU C 315, 23.12.2009, p. 11.
([4]) ĠU C 108, 28.4.2010, p. 8.
([5]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1285/2009 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2010.

Għall-Kunsill
Il-President
S. LARUELLE

ANNESS

LISTA TA’ PERSUNI, GRUPPI U ENTITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

1. PERSUNI

1. ABOU, Rabah Naami (magħruf ukoll bħala Naami Hamza; magħruf ukoll bħala Mihoubi Faycal; magħruf ukoll bħala Fellah Ahmed; magħruf ukoll bħala Dafri Rèmi Lahdi) imwieled fl-1.2.1966 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al- Hijra")
2. ABOUD, Maisi (magħruf ukoll bħala l-Abderrahmane Svizzeru) imwieled fis- 17.10.1964 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")
3. AL-MUGHASSIL, Ahmad Ibrahim (magħruf ukoll bħala ABU OMRAN; magħruf ukoll bħala AL-MUGHASSIL, Ahmed Ibrahim) imwieled fis-26.6.1967 f'Qatif-Bab al Shamal (Arabja Sawdita); ċittadin tal-Arabja Sawdita
4. AL-NASSER, Abdelkarim Hussein Mohamed, imwieled f'Al Ihsa (l-Arabja Sawdita); ċittadin ta' Arabja Sawdita
5. AL YACOUB, Ibrahim Salih Mohammed, imwieled fis-16.10.1966 f'Tarut, l-Arabja Sawdita; ċittadin tal-Arabja Sawdita
6. ARIOUA, Kamel (magħruf ukoll bħala Lamine Kamel) imwieled fit-18.8.1969 f'Kostantin (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")
7. ASLI, Mohamed (magħruf ukoll bħala Dahmane Mohamed) imwieled fit-13.5.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")
8. ASLI, Rabah imwieled fit-13.5.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")
9. ATWA, Ali (magħruf ukoll bħala BOUSLIM, Ammar Mansour; magħruf ukoll bħala SALIM, Hassan Rostom), il-Libanu, imwieled fl-1960 fil-Libanu; ċittadin tal-Libanu
10. BOUYERI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Abu ZUBAIR; magħruf ukoll bħala SOBIAR; magħruf ukoll bħala Abu ZOUBAIR), imwieled fit-8.3.1978 f'Amsterdam (l-Olanda) (Membru tal-"Hofstadgroep")
11. DARIB, Noureddine (magħruf ukoll bħala Carreto; magħruf ukoll bħala Zitoun Mourad) imwieled fl-1.2.1972 fl-Alġerija (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")
12. DJABALI, Abderrahmane (magħruf ukoll bħala Touil) imwieled fl-1.6.1970 fl- Alġerija (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")
13. EL FATMI, Nouredine (magħruf ukoll bħala Nouriddin EL FATMI; magħruf ukoll bħala Nouriddine EL FATMI; magħruf ukoll bħala Noureddine EL FATMI; magħruf ukoll bħala Abu AL KA'E KA'E; magħruf ukoll bħala Abu QAE QAE; magħruf ukoll bħala FOUAD; magħruf ukoll bħala FZAD; magħruf ukoll bħala Nabil EL FATMI; magħruf ukoll bħala Ben MOHAMMED; magħruf ukoll bħala Ben Mohand BEN LARBI; magħruf ukoll bħala Ben Driss Muhand IBN LARBI; magħruf ukoll bħala Abu TAHAR; magħruf ukoll bħala EGGIE), imwieled fil-15.8.1982 f'Midar (il-Marokk), Nru tal-passaport (il-Marokk) N829139 (Membru tal-"Hofstadgroep")
14. EL-HOORIE, Ali Saed Bin Ali (magħruf ukoll bħala AL-HOURI, Ali Saed Bin Ali; magħruf ukoll bħala EL-HOURI, Ali Saed Bin Ali) imwieled fl-10.7.1965 jew il- 11.7.1965 f'El Dibabiya, (l-Arabja Sawdita); ċittadin tal-Arabja Sawdita
15. FAHAS, Sofiane Yacine, imwielda fl-10.9.1971 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta'"al-Takfir" u "al-Hijra")
16. IZZ-AL-DIN, Hasan (magħruf ukoll bħala GARBAYA, AHMED; magħruf ukoll bħala SA-ID; magħruf ukoll bħala SALWWAN, Samir), il-Libanu, imwieled fl-1963 fil- Libanu, ċittadin tal-Libanu
17. MOHAMMED, Khalid Shaikh (magħruf ukoll bħala ALI, Salem; magħruf ukoll bħala BIN KHALID, Fahd Bin Adballah; magħruf ukoll bħala HENIN, Ashraf Refaat Nabith; magħruf ukoll bħala WADOOD, Khalid Adbul) imwieled fl-14.4.1965 jew fl-1.3.1964 fil-Pakistan, passaport Nru 488555
18. MOKTARI, Fateh (magħruf ukoll bħala Ferdi Omar) imwieled fis-26.12.1974 f'Hussein Dey (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")
19. NOUARA, Farid imwieled fil-25.11.1973 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")
20. RESSOUS, Hoari (magħruf ukoll bħala Hallasa Farid) imwieled fil-11.9.1968 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")
21. SEDKAOUI, Noureddine (magħruf ukoll bħala Nounou) imwieled fit-23.6.1963 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")
22. SELMANI, Abdelghani (magħruf ukoll bħala Gano) imwieled fl-14.6.1974 f'Alġeri (l- Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")
23. SENOUCI, Sofiane imwielda fil-15.4.1971 f'Hussein Dey (l-Alġerija) (Membru ta'"al-Takfir" u "al-Hijra")
24. TINGUALI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Mouh di Kouba) imwieled fil- 21.4.1964 fi Blida (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")
25. WALTERS, Jason Theodore James (magħruf ukoll bħala Abdullah; magħruf ukoll bħala David), imwieled fis-6.3.1985 f'Amersfoort (l-Olanda), Nru tal-passaport (l- Olanda) NE8146378 (Membru tal-"Hofstadgroep")

2. GRUPPI U ENTITAJIIET

1. L-Organizzazzjoni Abu Nidal ("ANO"), (magħrufa ukoll bħala l-"Kunsill Rivoluzzjonarju ta' Fatah", il-"Brigati Rivoluzzjonarji Għarab", "Settembru l- Iswed", u l-"Organizzazzjoni Rivoluzzjonarja tal-Musulmani Soċjalisti")

2. "Il-Brigata tal-Martri ta' Al-Aqsa"

3. "Al-Aqsa e.V."

4. "Al-Takfir" u "Al-Hijra"

5. "Aum Shinrikyo" (magħruf ukoll bħala "AUM", magħruf ukoll bħala "Aum Verita Suprema", magħruf ukoll bħala "Aleph")

6. "Babbar Khalsa"

7. Il-"Partit Komunista tal-Filippini", inkluż "l-Armata l-Ġdida tal-Poplu" - "NPA", il-Filippini

8. "Gama'a al-Islamiyya" ("Grupp Islamiku"), (magħruf ukoll bħala "Al-Gama'a al-Islamiyya" - "IG") "İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi" "IBDA-C"(Il-Front Kbir Islamiku tal- Ġellieda tal-Lvant)

9. "İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi" – "IBDA-C" ("Great Islamic Eastern Warriors Front")

10. "Hamas" (inkluż "Hamas-Izz al-Din al-Qassem")

11. "Hizbul Mujahideen" ("HM")

12. "Hofstadgroep"

13. Il-"Fondazzjoni ta' l-Art Imqaddsa għas-Soljev u l-Iżvilupp"

14. Il-"Federazzjoni Internazzjonali taż-Żgħażagħ Sikh" ("ISYF")

15. Il-"Forza Khalistan Zindabad" ("KZF")

16. Il-"Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan" ("PKK"), (magħruf ukoll bħala "KADEK"; magħruf ukoll bħala "KONGRA-GEL")

17. "Tigri għal-Liberazzjoni ta' Tamil Eelam" ("LTTE")

18. L-"Armata għal-Liberazzjoni Nazzjonali" ("Ejército de Liberación Nacional")

19. Il-"Jihad Islamika Palestinjana" ("PIJ")

20. Il-"Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina" ("PFLP")

21. Il-"Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina – Kmand Ġenerali", (magħruf ukoll bħala "PFLP – Kmand Ġenerali")

22. "Fuerzas armadas revolucionarias de Colombia" "Il-Forzi Armati Rivoluzzjonarji tal-Kolombja" ("FARC")

23. "Devrimci Halk Kurtuluș Partisi-Cephesi" "L-Armata/Il-Front/Il-Partit Rivoluzzjonarju/a għal-Liberazzjoni tal-Poplu" ("DHKP/C"), (magħruf ukoll bħala "Devrimci Sol" ("Xellug Rivoluzzjonarju"), "Dev Sol")

24. It-"Triq li Tiddi" (SL) ("Sendero Luminoso")

25. "Stichting Al Aqsa" (magħruf ukoll bħala "Stichting Al Aqsa Nederland", magħruf ukoll bħala "Al Aqsa Nederland")

26. "TAK" - "Teyrbazen Azadiya Kurdistan", magħruf ukoll bħala l-"Kurdistan Freedom Falcons", il-"Kurdistan Freedom Hawks"

27. Il-"Forzi/Grupp Magħqud(a) għad-Difiża Leġittima tal-Kolombja" ("AUC") ("Autodefensas Unidas de Colombia")

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 611/2010

tat-12 ta' Lulju 2010

li japprova emendi minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Basilico Genovese (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari t-tieni sentenza tal-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, u skont l-Artikolu 17(2) tal-istess Regolament, il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emendi fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Basilico Genovese", irreġistrata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 ([2]), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1623/2005 ([3]).

(2) L-għan tat-talba huwa li tiġi emendata l-ispeċifikazzjoni billi tiddaħħal dispożizzjoni li tipprevedi t-twaħħil tal-logo tad-denominazzjoni "Basilico Genovese" fuq l-imballaġġ tal-prodott. Ix-xbieha u l-ispeċifikazzjonijiet grafiċi tal-logo huma deskritti.

(3) Il-Kummissjoni eżaminat l-emenda kkonċernata u kkonkludiet li hija ġġustifikata. Billi din hija emenda minuri skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni tista' tapprovaha mingħajr rikors għall-proċedura stipulata fl-Artikoli 5, 6 u 7 tal-istess Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Basilico Genovese" hija b'dan emendata skont l-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Id-dokument uniku aġġornat jidher fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11.
([3]) ĠU L 259, 5.10.2005, p. 15.

ANNESS I

Fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini protetta "Basilico Genovese" hija approvata l-emenda li ġejja:

Fl-Artikolu 8 "Ippakkjar", għandu jiżdied t-test li ġej:

"L-imballaġġ maħsub sabiex jintuża għall-bukketti separati jew fil-każ tal-pakketti għandu jkun magħmul minn materjal li jikkonforma mal-istandards fis-seħħ u għandu jġib l-isem 'BASILICO GENOVESE D.P.O.' u s-simbolu Kommunitarju tad-DPO, kif ukoll il-marka kompluta tal-intrapriza u l-logo tal-prodott li huwa deskritt hawn taħt. Id-daqs u l-pożizzjoni tal-marka tal-intrapriża għandhom ikunu evidenti biżżejjed b'rabta mas-simbolu Komunitarju tad-DPO u tal-logo tal-prodott.

Il-logo li jidentifika d-DPO 'Basilico Genovese' jikkonsisti f'forma ċirkolari tal-istess daqs bħas-simbolu Komunutarju tad-DPO, li fih tidher il-kitba sħiħa 'BASILICO GENOVESE' u l-akronimu 'D.O.P' fiċ-ċentru.

It-tliet elementi li juru l-karatterisitiċi tal-prodott huma dawn li ġejjin:

— ix-xemx (bl-isfar), simbolu tal-vitalità, element bażiku u essenzjali fil-kultivazzjoniet kollha;

— ir-reġjun tal-Liguria (bil-blu), territorju tal-produzzjoni, rikk, fertili u jmiss mal-baħar;

— il-ħabaq (bl-aħdar), li jfakkar il-karattru naturali, l-awtentiċità u l-kwalità tal-prodott li jibbenefika mid-DPO.

Ix-xbieha tista' tintuża ukoll b'kulur wieħed.

It-tipa użata għal-kitba hija Arial Black skura bl-istess kulur blu użat fix-xbieha tar-reġjun tal-Liguria. Id-daqs tat-tipa użata għandu jkun ta' 6 pt. fil-każ tal-kitba 'Basilico Geneovese' u għad-'D.O.P' dan għandu jkun ta' 6,5pt.

"

ANNESS II

DOKUMENT UNIKU

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

"BASILICO GENOVESE"

Nru tal-KE: IT-PDO-0105-0194-30.6.2009

IĠP ( ) DPO (X)

1. **Isem:**

"Basilico Genovese"

2. **Stat membru jew pajjiż terz:**

L-Italja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:**

3.1. *Tip ta' prodott*

Il-klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1*

Id-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Basilico Genovese" tirreferi għall-pjanta sħiħa friska, miksuba miż-żerriegħa tal-ispeċi *Ocimum Basilicum L*, tal-ekotipi jew tas-selezzjonijiet awtoktoni. Il-pjanta għandha tippreżenta l-karatterisitiċi li ġejjin:

— pjanta ta' għoli li jvarja minn medju għal għoli ħafna, ta' għamla li tinfirex jew ċilindrika mat-tkabbir,

— id-densità tal-weraq tiġi kklassifkata bħala intermedja (medja-baxxa, medja, medja-twila),

— weraq b'forma ellittika,

— il-forma tal-werqa tkun imbuzzata u mingħajr pizzi fit-tarf/ftit pizzi jew ftit li xejn,

— weraq ċatt jew konvess,

— assenza totali tal-aroma tal-nagħniegħ,

— fwieħa qawwija u karatteristika.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

—

3.5. *Fażijiet speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom isiru fiż-żona ġeografika identifikata*

Il-"Basilico Genovese" għandu jitkabbar mgħotti jew fil-beraħ, fil-limiti taż-żona ġeografika tal-produzzjoni.

3.6. *Regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar, eċċ.*

Sabiex jiġu ppriservati l-karatteristiċi tal-prodott, li huwa fraġli ħafna u faċli li jinxef, l-ippakkjar tal-"Basilico Genovese" għandu jseħħ fiż-żona tal-produzzjoni.

Il-ħabaq li jinħareġ fis-suq frisk għandu jkun ippakkjat f'bukketti ta' mill-inqas żewġ pari ta' weraq reali, u l-iktar erba' pari ta' weraq reali. Bukkett wieħed jikkonsisti f'minn 3 sa 10 pjanti sħaħ bl-għeruq b'kollox. Jiġi ppakkjat separatament f'karta addattata għall-oġġetti tal-ikel li jkun fiha t-tikketta tad-DPO. Il-bukketti l-kbar jagħmlu parti mill-kategorija tal-"qatta" u jikkonsistu fi kwantità li hija ekwivalenti għall-għadd tal-pjanti li jinsabu f'għaxar (10) bukketti żgħar.

Il-ħabaq li jkun maħsub li jintuża fl-ipproċessar artiġjanali u/jew industrijali jikkonsisti fi pjanti sħaħ li jkun fihom massimu ta’ erba’ pari ta’ weraq reali.

L-imballaġġ għandu jkun magħmul minn materjal li huwa konformi mal-istandards fis-seħħ u għandhu jġib il-logo tad-DPO u l-marka sħiħa tal-intrapriza.

3.7. *Regoli speċifiki għat-tikkettar*

L-imballaġġ maħsub sabiex jintuża għall-bukketti separati jew fil-każ tal-pakketti għandu jkun magħmul minn materjal li jikkonforma mal-istandards fis-seħħ u għandu jġib l-isem “BASILICO GENOVESE D.O.P.” u s-simbolu Komunitarju tad-DPO, kif ukoll il-marka sħiħa tal-intrapriza u l-logo tal-prodott li huwa deskritt hawn taħt. Id-daqs u l-pożizzjoni tal-marka tal-intrapriża għandhom ikunu evidenti biżżejjed b’rabta mas-simbolu Komunitarju tad-DPO u tal-logo tal-prodott.

Il-logo li jidentifika d-DPO “Basilico Genovese” jikkonsisti f’forma ċirkolari tal-istess daqs bħas-simbolu Komunutarju tad-DPO, li fih tidher il-kitba sħiħa “BASILICO GENOVESE” u l-akronimu “D.O.P.” fiċ-ċentru.

It-tliet elementi li juru l-karatterisitiċi tal-prodott huma dawn li ġejjin:

— Ix-xemx (bl-isfar), simbolu tal-vitalità, element bażiku u essenzjali fil-kultivazzjonijiet kollha,

— ir-reġjun tal-Liguria (bil-blu), territorju tal-produzzjoni, rikk, fertili u jmiss mal-baħar,

— il-ħabaq (bl-aħdar), li jfakkar il-karattru naturali, l-awtentiċità u l-kwalità tal-prodott li jibbenefika mid-DPO.

Ix-xbieha tista’ tintuża wkoll b’kulur wieħed.

It-tipa użata għal-kitba hija Arial Black skura bl-istess blu użat fix-xbieha tar-reġjun tal-Liguria. Id-daqs tat-tipa użata għandu jkun ta’ 6 pt. fil-każ tal-kitba “Basilico Geneovese” u għad-“D.O.P” dan għandu jkun ta’ 6,5pt.

PANTONE 368 (unico color pantone da aggiungere)	PANTONE 109 (utilizzato per la denominazione di origine protetta)	BLU REFLEX (utilizzato per la denominazione di origine protetta)
Cyano 65	Cyano 0	Cyano 100
Magenta 0	Magenta 10	Magenta 80
Yellow 100	Yellow 90	Yellow 0
Black 0	Black 0	Black 0

4. **Definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika:**

Iż-żona ġeografika tal-produzzjoni tal-"Basilico Genovese" hija ddelimitata mill-kosta tal-baħar Tirren u mit-territorju amministrattiv tar-reġjun tal-Liguria u l-linja li tifred l-ilmijiet.

5. **Rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Il-ħamrija u l-klima taż-żona tal-Liguria jiffavorixxu l-kultivazzjoni tal-ħabaq. L-ambjent huwa kkaratterizzat minn mikroklima favorevoli għall-kultura tal-ħabaq, u din hija r-riżultat tal-kumbinazzjoni oriġinali u tal-influwenza reċiproka ta' fatturi abjotiċi (xemx, temperatura, l-ilma, id-dawl, ir-riħ) u bjotiċi (organiżmi tal-annimali u l-pjanti), li jinsabu f'din iż-żona. Il-karatteristiċi tal-ħamrija huma fattur li jillimita l-għażla tal-kultivazzjoni; xi tibdiliet żgħar li jsiru fin-natura fiżika tal-ħamrija huma kompatibbli mal-kultivazzjoni tal-ħabaq u huma kkawżati biss mill-kundizzjonijiet imposti mit-tekniki partikolari tal-qtugħ, li għandu jsir mingħajr ma ssir ħsara lill-pjanti. Il-possibbiltà ta' tibdil fil-ħamrija huwa fattur importanti fil-ġestjoni tal-kultivazzjoni: dan jista' jsolvi ċerti problemi żgħar tad-drenaġġ u li huma identifikati sew, minkejja li dan ma jidhirx li jaffettwa t-tipiċità tal-prodott finali. Il-tibdil fit-temperaturi jinfluwenza direttament kemm l-għażla tal-kultivazzjonjiet, kif ukoll ir-riżorsi idriċi u l-kwalità tal-ilma, id-dawl u r-riħ. Is-sitwazzjoni ġeografika tat-territorju tal-Liguria tiffavorixxi l-kultivazzjoni ta' din l-ispeċi; fil-fatt, l-assi ewlenija tiegħu ssegwi l-paralleli tad-dinja, u dan jippermetti li l-kultivazzjonijiet ikunu esposti għal sigħat twal għad-dawl tax-xemx, anke fix-xitwa; minħabba li qiegħed iħares lejn in-Nofsinhar, dan it-territorju jibbenefika kemm mill-protezzjoni kontra l-irjieħ keshin tat-Tramuntana, mill-Lvant u mill-Punent, minħabba l-forma partikolari ta' qaws li għandu, kif ukoll mill-effett regolatorju tat-temperatura tal-baħar.

Il-kundizzjonijiet klimatiċi tal-Liguria, ikkarratterizzati minn dawl qawwi anke fix-xitwa, minn temperaturi li rarament jinżlu inqas minn 10 °C u mill-fluss kontinwu ta' arja moderata mill-baħar, flimkien mal-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi tal-ħamrija, mal-kapaċità tat-teknika u mat-tradizzjonijiet tal-agrikulturi huma propju dak li jwassal sabiex jinħoloq prodott finali li jiddistingwi ruħu mill-aromi li ma jinstabu mkien iktar bl-istess intensità f'ħabaq prodott f'żoni oħra.

Minkejja li l-arja klimatika tal-Liguria tixbah lil dik tan-naħa ta' isfel tar-reġjun tal-Lazio u l-Campania, u minkejja l-fatt li l-oriġini tal-ħamrija li fuqha jitkabbar il-ħabaq hija l-istess bħal dik tal-Piemonte, il-Piemonte huwa kkaratterizzat minn klima tipikament kontinentali filwaqt li l-oriġini tal-ħamrija taċ-ċentru tal-Italja hija differenti minn dik tal-Liguria. Minħabba f'hekk, il-kumbinazzjoni tal-klima u tal-ħamrija mal-kultivazzjoni prattikata mill-bidwi tal-Liguria hija unika u orġinali.

Fil-pubblikazzjonijiet annwali Taljani dwar l-agrikoltura u dokumenti oħrajn li waslulna, din ir-realtà hija deskritta bi peċiżjoni kbira u b'interess qawwi: dawn huma prova tal-importanza ta' dawn il-kultivazzjonijiet għall-ekonomija reġjonali. Illum il-ġurnata, il-ħabaq għadu jirrappreżenta parti imprtanti mir-realtà agrikola tal-kultivazzjoni fit-territorju tal-Liguria. Il-"Basilico Genovese" huwa prodott ta' din il-kumbinazzjoni unika tat-territorju, l-ambjent u l-kultivazzjoni.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Il-karatteristiċi tal-"Basilico Genovese", b'togħma li hija nieqsa għal kollox mir-riħa tan-nagħniegħ, il-fwieħa pjaċevoli u qawwija ħafna, kif ukoll il-kulur delikat tal-weraq, huma r-riżultat tal-kundizzjoniiet tal-ħamrija u tal-klima tal-Liguria.

Għalkemm il-ħabaq jirrappreżenta biss kultivazzjoni "minuri" fl-iskala nazzjonali u internazzjonali, fuq livell reġjonali, il-ħabaq huwa sors ta' dħul importanti għal għadd ta' intrapriżi agrikoli li jikkultivawh fis-serer matul is-sena kollha u fil-beraħ matul is-sajf. Sa mis-snin 20 u 30 tas-seklu l-ieħor, f'Finale Ligure, kienu jinżammu fieri u wirjiet internazzjonali tal-frott u l-ħxejjex, fejn il-prodotti kkultivati fis-serer mir-reġjun kollu, anke dawk tal-ħabaq, kienu jirċievu l-aqwa premjijiet.

Meta wieħed iqqabbel il-pjanti tal-ħabaq tal-Liguria ma' dawk ta' oriġini differenti, ir-rendiment taż-żejt essenzjali tal-ħabaq li huwa ġej mill-Liguria huwa kompletament differenti minn dak ta' ħabaq li ġej minn reġjuni oħra: dan ir-rendiment jiżdied b'mod statistikament sinifikattiv meta mqabbel mal-ħabaq ikkultivat matul iċ-ċiklu tal-kultivazzjoni tal-Liguria ma' dak prodott fiż-żoni l-oħra tal-Italja.

Il-kompożizzjoni tal-istess żejt essenzjali hija differenti, f'termini ta' proporzjon bejn is-sustanzi differenti, b'tali mod li jagħtih aroma kompletament differenti.

Wieħed faċilment jista' jidentifika l-ħabaq ikkultivat matul iċ-ċiklu kollu tal-kultivazzjoni fil-Liguria minn ieħor ikkultivat bnadi oħra.

Meta wieħed iqis is-sustanzi preżenti fil-maġġoranza jew dawk li l-preżenza tagħhom tista' tikkundizzjona, anke f'dożi żagħar ħafna, l-aroma finali tal-weraq tal-ħabaq, id-differenza bejn l-ħabaq ikkultivat fil-Liguria u dak ikkultivat fi bnadi toħroġ b'mod ċar. Il-karatteristiċi u l-aroma tal-"Basilico Genovese", kif ukoll il-proprjetajiet kwalitattivi tiegħu ma jistgħu jiġu minn imkien ħlief mir-reġjun ta' Liguria. Il-ħabaq ikkultivat fil-Piemonte jew f'reġjuni oħra li jmissu mal-Liguria huwa kkaratterizzat minn aroma ta' nagħniegħ filwaqt li dak ikkultivat fiż-żoni li jinsabu iktar lejn in-Nofsinhar huwa ħafna inqas fin.

Il-“Basilico Genovese” min-naħa l-oħra huwa kultivazzjoni delikata li mill-ewwel tingħaraf mir-riħa qawwija u persistenti, min-nuqqas totali tar-riħa tan-nagħniegħ, kif ukoll minħabba l-kulur delikat tal-weraq li jibqa’ l-istess anke wara li l-prodott jiġi pproċessat. Dawn il-karatteristiċi huma tipiċi u kostanti fil-produzzjonijiet kollha miksbin fiż-żona tal-produzzjoni definita fl-ispeċifikazzjoni.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DOP) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Il-ħabaq jikkostitwixxi waħda mill-iktar kultivazzjonijiet rappreżentattivi u l-iktar tipiċi tal-Liguria, huwa simbolu tar-riċetti b’togħmiet antiki, li jirriżultaw mill-kumbinazzjoni unika tat-territorju, l-ambjent u l-kultivazzjoni.

F’dawn l-aħħar snin, il-kultivazzjoni tiegħu li tmur lura għal ħafna sekli, saret popolari b’mod li ma għandux preċedent. Dan hu dovut kemm għal fatt li l-konsumatur Taljan, u mhux hu biss, sar dejjem iktar japprezza l-aromi li jtejbu it-togħmiet fit-tisjir, kif ukoll minħabba li l-“Basilico Genovese” juri l-kwalità, is-sempliċità u l-karattru tipiku tar-reġjun u tal-kultivazzjoni tiegħu.

In-nukleu oriġinali tal-produzzjoni kien limitat għaż-żona ġeografika ta’ Genova. Minħabba li l-kundizzjonijiet dejjem iktar favorevoli għall-konsum fuq skala kbira tal-ħabaq maħsub għal preparazzjoni ta’ għadd ta’ riċetti u għall-famuż pesto, iż-żona tal-produzzjoni ġiet estiża uħadet b’mod uniformi l-kosta kollha tat-territorju tal-Liguria.

Miż-żona ta’ madwar Genova, iż-żona tal-produzzjoni estendiet kemm lejn il-Lvant kif ukoll lejn il-Punent, u b’hekk it-territorju tal-Liguria sar iż-żona ideali sabiex jinkiseb prodott b’karatteristiċi partikolari tipiċi.

It-reġjun kollu tal-Liguria huwa ddedikat kollu kemm hu għall-produzzjoni tal-ħabaq minħabba li l-karatteristiċi ambjentali, kulturali u umani jagħtu kemm lill-prodott frisk kif ukoll lil dak ipproċessat, il-karattru uniku u magħruf u rikonoxxut mid-dinja kollha.

Il-ħabaq huwa effettivament speċi influwenzata ħafna mill-ambjent tal-kultivazzjoni tiegħu. Din hija r-raġuni għaliex il-ħabaq ikkultivat fil-Liguria jiddistingwi ruħu minn kwalità omoġenja, skont il-post tal-kultivazzjoni (fis-serra jew fil-beraħ) skont it-tekniki tal-kultivazzjonu u t-trasformazzjoni fl-aħħar taċ-ċiklu tal-produzzjoni.

It-taħlita tal-karatteristiċi tal-ħamrija, ir-raġġi tax-xemx kif ukoll il-klima partikolarment moderata tar-reġjun, biż-żiffa ħelwa tal-baħar għandhom rwol ewlieni u jagħtu karatteristika unika lil din iż-żona ta’ produzzjoni.

F’dan ir-reġjun b’dedikazzjoni eċċezzjonali ġew żviluppati ħiliet tekniċi speċifiċi sabiex jittejbu l-karatteristiċi naturali tal-prodott u jassigurawlu livell għoli u kostanti ta’ kwalità irrispettivament mill-istaġun tal-kultivazzjoni.

Il-kapaċità tal-bdiewa tal-lokal ma tinkludix biss it-teknika tal-kultivazzjoni imma tinkludi wkoll il-fażi li ssegwi tal-ippakkjar u tippermetti li jiġi evitat kull tibdil fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, li joħloq armonija perfetta bejn it-tradizzjoni u l-innovazzjoni (applikazzjoni ta’ sistemi integrali u bijoloġiċi ta’ protezzjoni mill-pesti).

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:

L-amministrazzjoni preżenti nediet il-proċedura nazzjonali ta’ oġġezzjoni bil-pubblikazzjoni tal-proposta għar-rikonoxxi-ment tad-denominazzjoni protetta tal-orġini “Basilico Genovese” fil-*Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana* nru 108 tat-12.5.2009.

It-test sħiħ tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott jinsab fuq dan is-sit tal-Internet: www.politicheagricole.it/DocumentiPubblicazioni/Search_Documenti_Elenco.htm?txtTipoDocumento=Disciplinare%20in%20esame%20UE&txtDocArgomento=Prodotti%20di%20Qualit%E0>Prodotti%20Dop,%20Igp%20e%20Stg

billi wieħed jidħol direttament fil-paġna ewlenija tas-sit tal-Ministeru tal-politiki agrikoli alimentari u forestali (www.politicheagricole.it) u jikklikkja fuq “Prodotti di Qualità” (fuq ix-xellug tal-iskrin) u mbagħad fuq “Disciplinari di Produzione all’esame dell’UE (Reg. CE 510/2006)” (Speċifikazzjoni għall-eżami tal-UE (ir-Regolament (KE) Nru 510/2006)).

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 612/2010

tat-12 ta' Lulju 2010

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Fasola korczyńska (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba li għamlet il-Polonja biex id-denominazzjoni "Fasola korczyńska" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Ladarba li ma kien hemm ebda oġġezzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha għalhekk tidħol fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan qed tiddaħħal fir-reġistru.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

([2]) ĠU C 271, 12.11.2009, p. 20.

ANNESS

Prodotti agrikoli maħsuba għall-ikel mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

Klassi 1.6. Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati

IL-POLONJA

Fasola korczyńska (IĠP)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 613/2010

tat-12 ta' Lulju 2010

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Miód kurpiowski (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mill-Polonja biex id-denominazzjoni "Miód kurpiowski" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Ladarba li ma kien hemm ebda oġġezzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha għalhekk tidħol fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan qed tiddaħħal fir-reġistru.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

([2]) ĠU C 260, 30.10.2009, p. 38.

ANNESS

Prodotti agrikoli maħsuba għall-ikel mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

Klassi 1.4. Prodotti oħra ta’ oriġini mill-annimali (bajd, għasel, prodotti tal-ħalib għajr il-butir, eċċ.)

IL-POLONJA

Miód kurpiowski (IĠP)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 614/2010

tat-12 ta' Lulju 2010

li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-13 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNESS

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz [1]	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	MK	50,7
	TR	41,0
	ZZ	45,9
0707 00 05	MK	41,0
	TR	120,5
	ZZ	80,8
0709 90 70	TR	85,0
	ZZ	85,0
0805 50 10	AR	96,6
	TR	111,6
	UY	89,5
	ZA	78,6
	ZZ	94,1
0808 10 80	AR	93,7
	BR	61,2
	CA	119,1
	CL	91,9
	CN	58,1
	NZ	116,3
	US	115,0
	UY	116,3
	ZA	93,9
	ZZ	96,2
0808 20 50	AR	82,3
	CL	121,6
	NZ	141,4
	ZA	109,5
	ZZ	113,7
0809 10 00	TR	204,4
	ZZ	204,4
0809 20 95	TR	290,7
	US	509,9
	ZZ	400,3
0809 30	AR	130,0
	TR	160,1
	ZZ	145,1
0809 40 05	IL	131,9
	TR	156,2
	ZZ	144,1

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-24 ta' Ġunju 2010

dwar il-konklużjoni tal-Istatut tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA) mill-Unjoni Ewropea

(2010/385/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 194(2) u l-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewopew,

Billi

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2009, l-Istatut tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA) [1] (minn issa "l-Istatut") ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea fit-23 ta' Novembru 2009.

(2) B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea issostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea.

(3) Huwa xieraq għall-Unjoni li tikkonkludi l-Istatut.

(4) Kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri tagħha għandhom kompetenzi fl-oqsma koperti mill-Istatut.

(5) L-Artikolu VI.C tal-Istatut jipprevedi li l-organizzazzjonijiet reġjonali u intergovernattivi għall-integrazzjoni ekonomika li jsiru membri tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (minn issa "IRENA") jiddikjaraw safejn għandha tasal il-kompetenza tagħhom fir-rigward tal-materji rregolati mill-Istatut.

(6) Għalhekk, l-Unjoni għandha tadotta t-tali dikjarazzjoni tal-kompetenzi.

(7) L-Unjoni għandha tħallas kontribuzzjoni annwali lill-IRENA prevista mill-Programm Ewropew għall-Enerġija Intelliġenti ("IEE"),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Id-Dikjarazzjoni tal-kompetenzi hija b'dan adottata f'isem l-Unjoni u t-test tagħha huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

2. L-Istatut tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA) (minn issa mssejjaħ "l-Istatut"), huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni u t-test tiegħu huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna(i) awtorizzata(i) biex tiddepożita/jiddepożitaw l-istrument tar-ratifikazzjoni, f'isem l-Unjoni, mal-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja bħala depożitarju tal-Istatut f'konformità mal-Artikolu XIX u l-Artikolu XX.A tal-Istatut sabiex jesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta bih.

2. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna(i) awtorizzata(i) biex tiddepożita/jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni, id-Dikjarazzjoni tal-kompetenzi li tinsab fl-Anness I, f'konformità mal-Artikolu VI.C tal-Istatut.

Artikolu 3

L-Unjoni għandha tħallas kontribuzzjoni annwali lill-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BLANCO LÓPEZ

---

[1] Id-Dikjarazzjoni tal-Konferenza rigward il-verżjonijiet awtentiċi tal-Istatut tifforma parti integrali mill-Istatut.

ANNESS

Dikjarazzjoni tal-kompetenzi

1. L-Artikolu VI.C. tal-Istatut jipprevedi li l-istrument ta' ratifikazzjoni jew ta' adeżjoni ta' organizzazzjoni reġjonali u intergovernattiva għall-integrazzjoni ekonomika għandu jkollu dikjarazzjoni tal-punt safejn għandhom jaslu l-kompetenzi tiegħu fir-rigward tal-materji rregolati mill-Istatut.

2. Waqt li jiġi rikonoxxut l-istatus tal-Unjoni Ewropea bħala membru, bħala regola ġenerali, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom il-kompetenza fuq punti tal-aġenda li jittrattaw materji ta' organizzazzjoni (pereżempju kwistjonijiet legali jew baġitarji) u kwistjonijiet ta' proċedura (pereżempju elezzjoni ta' presidenti, adozzjoni tal-aġenda, adozzjoni ta' rapporti).

3. Konformement mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom kompetenzi fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli kif ġej:

— l-Unjoni għandha l-kompetenza esklużiva fejn dispożizzjoni tal-istatut tal-IRENA jew att li jimplimenta dak l-istatut ikun meħtieġ biex jippermetti lill-Unjoni teżerċita l-kompetenza interna tagħha jew safejn id-dispożizzjonijiet ta' att tal-Unjoni jistabbilixxu regoli komuni li jistgħu jiġu affettwati jew il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jiġi mibdul minn dispożizzjonijiet tal-Istatut tal-IRENA jew minn att adottat b'implimentazzjoni tiegħu;

— safejn jeżistu regoli komuni iżda li la huma affettwati u lanqas ma l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom mhu mibdul, b'mod partikolari f'każijiet ta' dispożizzjonijiet tal-Unjoni li jistabbilixxu biss standards minimi, l-Istati Membri għandhom kompetenza, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Unjoni li taġixxi f'dan il-qasam;

— l-Istati Membri jibqgħu unikament kompetenti f'materji taħt l-istatut tal-IRENA fir-rigward ta' liema l-Unjoni ma adottatx regoli komuni.

Il-lista ta' atti tal-Unjoni ta' hawn taħt turi il-punt safejn l-Unjoni eżerċitat il-kompetenza interna tagħha f'dan il-qasam f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-punt safejn twassal il-kompetenza tal-Unjoni li tirriżulta minn dawn l-atti għandu jkun ivvalutat b'referenza għad-dispożizzjonijiet preċiżi ta' kull miżura, u b'mod partikolari l-punt safejn dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu regoli komuni, u, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni, il-punt safejn dawn ir-regoli komuni huma affettwati jew il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu mibdul mid-dispożizzjonijiet tal-istatut tal-IRENA jew minn att adottat b'implimentazzjoni tiegħu.

— Id-Direttiva 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 dwar il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-suq intern tal-elettriku (ĠU L 283, 27.10.2001, p. 33);

— Id-Direttiva 2003/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2003 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-bijokarburanti jew karburanti oħra rinnovabbli għat-trasport (ĠU L 123, 17.5.2003, p. 42);

— Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

4. L-eżerċizzju tal-kompetenzi li l-Istati Membri tal-Unjoni ttrasferew lill-Unjoni skont it-Trattati huwa, min-natura tiegħu, soġġett għal bdil kontinwu. L-Unjoni Ewropea għalhekk tirriżerva d-dritt li taġġusta din id-Dikjarazzjoni.

Statut tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli

(IRENA)

Il-PARTIJIET għal dan l-Istatut,

XEWQANA li jippromwovu l-adozzjoni u l-użu wiesgħa u akbar tal-enerġija rinnovabbli bil-ħsieb ta' żvilupp sostenibbli,

ISPIRATI mit-twemmin sod tagħhom fl-opportunitajiet kbar li toffri l-enerġija rinnovabbli biex jiġu indirizzati u gradwalment imtaffija l-problemi ta' sigurtà tal-enerġija u l-prezzijiet mhux stabbli tal-enerġija,

KONVINTI mir-rwol ewlieni li l-enerġija rinovabbli jista' jkollha fit-tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni tas-sistema tal-klima, u tippermetti transizzjoni sostenibbli, sigura u li sseħħ b'mod moderat u għaqli lejn ekonomija b'karbonju baxx,

XEWQANA li jrawmu l-impatt pożittiv li t-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli jista' jkollhom fuq it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-ħolqien ta' impjiegi,

MOTIVATI mill-potenzjal enormi tal-enerġija rinnovabbli fl-għoti ta' aċċess deċentralizzat għall-enerġija, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u aċċess għall-enerġija lil reġjuni u gżejjer iżolati u mbiegħda,

IMĦASSBA dwar l-implikazzjonijiet negattivi serji li l-użu tal-fjuwils fossili u l-użu ineffiċjenti tal-bijomassa tradizzjonali jista' jkollhom fuq is-saħħa,

KONVINTI li l-enerġija rinnovabbli, flimkien ma' effiċjenza enerġetika mtejba, tista' tkopri dejjem b'mod aqwa ż-żjieda qawwija fil-bżonnijiet globali tal-enerġija mistennija tul id-deċennji li ġejjin,

FILWAQT LI JAFFERMAW ix-xewqa tagħhom li jistabbilixxu organizzazzjoni internazzjonali għall-enerġija rinnovabbli, li tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-Membri tagħha, filwaqt li tistabbilixxi wkoll kollaborazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet eżistenti li jippromwovu l-użu tal-enerġija rinnovabbli,

FTIEHMU DAN LI ĠEJ:

Artikolu I

Twaqqif tal-Aġenzija

A. Il-Partijiet għal dan l-Istatut hawnhekk qegħdin jistabbilixxu l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (minn hawn 'l quddiem imsejħa "l-Aġenzija") skont it-termini u kondizzjonijiet li ġejjin.

B. L-Aġenzija hija bbażata fuq il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-Membri kollha tagħha u għandha tirrispetta b'mod xieraq id-drittijiet sovrani u l-kompetenzi tal-Membri tagħha fit-twettiq tal-attivitajiet tagħha.

Artikolu II

Għanijiet

L-Aġenzija għandha tippromwovi l-adozzjoni wiesgħa u akbar kif ukoll l-użu sostenibbli tal-enerġija rinnovabbli fil-forom kollha tagħha, waqt li tqis:

(a) prijoritajiet u benefiċċji nazzjonali u domestiċi derivati minn approċċ ikkombinat ta' miżuri relatati mal-enerġija rinnovabbli u miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija, u

(b) il-kontribuzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għall-preservazzjoni ambjentali, permezz ta' limitazzjoni tal-pressjoni fuq riżorsi naturali u t-tnaqqis tad-deforestazzjoni, b'mod partikolari d-deforestazzjoni tropikali, id-deżertifikazzjoni u t-telfien tal-bijodiversità; għall-ħarsien tal-klima; għat-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali inklużi t-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli; għall-aċċess u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija; għall-iżvilupp reġjonali u għar-responsabbiltà interġenerazzjonali.

Artikolu III

Definizzjoni

F'dan l-Istatut it-terminu "enerġija rinnovabbli" jfisser il-forom kollha ta' enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli b'mod sostenibbli, li jinkludu, *inter alia*:

1. il-bijoenerġija;

2. l-enerġija ġeotermali;

3. l-idroenerġija;

4. l-enerġija mill-oċeani, inkluża inter alia l-enerġija mill-marej, mill-mewġ u dik termali tal-oċeani;

5. l-enerġija solari; u

6. l-enerġija mir-riħ.

Artikolu IV

Attivitajiet

A. Bħala ċentru ta' eċċellenza għat-teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli li jieħu r-rwol ta' faċilitatur u katalista, li jipprovdi l-esperjenza għal applikazzjonijiet u politiki prattiċi u li joffri appoġġ għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-enerġija rinnovabbli filwaqt li jgħin pajjiżi differenti biex jibbenefikaw mill-iżvilupp effiċjenti u t-trasferiment ta' għarfien u teknoloġija, l-Aġenzija twettaq l-attivitajiet li ġejjin:

1. B'mod partikolari għall-benefiċċju tal-Membri tagħha l-Aġenzija għandha:

(a) tanalizza, twettaq monitoraġġ ta' u, mingħajr obbligi fuq il-politiki tal-Membri, tissistematizza prattiċi attwali tal-enerġija rinnovabbli, inklużi strumenti ta' politika, inċentivi, mekkaniżmi ta' investiment, l-aħjar prassi, teknoloġiji disponibbli, sistemi u tagħmir integrati, kif ukoll fatturi ta' suċċess u ta' falliment;

(b) toħloq diskussjoni u tiżgura interazzjoni ma' organizzazzjonijiet u netwerks governattivi u mhux governattivi oħra f'dan il-qasam u f'oqsma rilevanti oħra;

(c) tipprovdi pariri u assistenza rilevanti dwar il-politiki lill-Membri tagħha fuq talba tagħhom, mingħajr ma tonqos milli tikkunsidra l-ħtiġijiet rispettivi tagħhom, u tistimola diskussjonijiet internazzjonali dwar il-politika tal-enerġija rinnovabbli u l-kundizzjonijiet ta' qafas relatati tagħha;

(d) ittejjeb it-tagħrif rilevanti u t-trasferiment tat-teknoloġija waqt li tippromwovi l-iżvilupp tal-kapaċità u l-kompetenza lokali fl-Istati Membri inklużi l-interkonnessjonijiet neċessarji;

(e) toffri lill-Membri tagħha żvilupp ta' kapaċità istituzzjonali inklużi taħriġ u edukazzjoni;

(f) tipprovdi pariri dwar il-finanzjament għall-enerġija rinnovabbli lill-Membri tagħha meta dawn jitolbuhom u tappoġġja l-applikazzjoni ta' mekkaniżmi relatati;

(g) tistimola u tinkoraġġixxi r-riċerka, inkluża dik relatata ma' kwistjonijiet soċjo-ekonomiċi, kif ukoll trawwem netwerks ta' riċerka, riċerka konġunta, żvilupp u użu ta' teknoloġiji; u

(h) tipprovdi informazzjoni dwar l-iżvilupp u l-użu ta' standards tekniċi nazzjonali u internazzjonali fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, ibbażata fuq għarfien sod miksub permezz ta' preżenza attiva fil-fora rilevanti.

2. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha xxerred l-informazzjoni u żżid l-għarfien pubbliku dwar il-benefiċċji u l-potenzjal li toffri l-enerġija rinnovabbli.

B. Waqt li tkun qed twettaq l-attivitajiet tagħha, l-Aġenzija għandha:

1. taġixxi b'konformità mal-iskopijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti biex jiġu promossi l-paċi u l-kooperazzjoni internazzjonali, u b'konformità mal-politiki tal-Nazzjonijiet Uniti favur it-titjib u t-tkattir tal-iżvilupp sostenibbli;

2. talloka r-riżorsi tagħha b'tali mod li jiġi żgurat li dawn jintużaw b'mod effiċjenti bil-ħsieb li jiġu indirizzati kif xieraq l-għanijiet kollha tagħha u li twettaq l-attivitajiet tagħha għall-kisba tal-akbar benefiċċju possibbli għall-Membri tagħha u fiż-żoni kollha tad-dinja, filwaqt li ma jintesewx il-bżonnijiet speċjali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll dawk ta' reġjuni u gżejjer iżolati u mbiegħda;

3. tikkoopera mill-qrib u tagħmel sforz biex jiġu stabbiliti relazzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku ma' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet eżistenti sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn tax-xogħol u biex tibni fuq u tagħmel użu effiċjenti u effettiv ta' riżorsi u attivitajiet mibdija minn gvernijiet, u organizzazzjonijiet u aġenziji oħra, li l-għan tagħhom huwa li jippromwovu l-enerġija rinnovabbli.

C. L-Aġenzija għandha:

1. tissottometti rapport annwali dwar l-attivitajiet tagħha lill-Membri tagħha;

2. tinforma lill-Membri dwar il-pariri ta' politika tagħha wara li jingħataw; u

3. tinforma lill-Membri dwar il-konsultazzjoni u l-kooperazzjoni ma' u l-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali eżistenti li jaħdmu f'dan il-qasam.

Artikolu V

Programm u proġetti ta' ħidma

A. L-Aġenzija għandha twettaq l-attivitajiet tagħha fuq bażi tal-programm ta' ħidma annwali, imħejji mis-Segretarjat, ikkunsidrat mill-Kunsill u adottat mill-Assemblea.

B. L-Aġenzija tista', flimkien mal-programm ta' ħidma tagħha, wara konsultazzjoni mal-Membri tagħha u, f'każ ta' nuqqas ta' qbil, wara approvazzjoni mill-Assemblea, twettaq proġetti mibdija u ffinanzjati mill-Membri skont id-disponibilità ta' riżorsi mhux finanzjarji tal-Aġenzija.

Artikolu VI

Sħubija

A. Is-sħubija hija miftuħa għall-Istati li huma membri tan-Nazzjonijiet Uniti u għal organizzazzjonijiet reġjonali intergovernattivi għall-integrazzjoni ekonomika li huma lesti u kapaċi li jaġixxu b'mod konformi mal-għanijiet u l-attivitajiet stabbiliti f'dan l-Istatut. Biex tkun eliġibbli għas-sħubija mal-Aġenzija, organizzazzjoni reġjonali intergovernattiva għall-integrazzjoni ekonomika għandha tkun kostitwita minn Stati sovrani, li mill-inqas wieħed minnhom huwa Membru tal-Aġenzija, u li l-Istati Membri tagħha jkunu ttrasferewlha kompetenza f'mill-inqas waħda mill-kwistjonijiet fl-ambitu tal-Aġenzija.

B. Stati u organizzazzjonijiet reġjonali intergovernattivi għall-integrazzjoni ekonomika bħal dawn imsemmija għandhom isiru:

1. Membri oriġinali tal-Aġenzija billi jiffirmaw dan l-Istatut u jiddepożitaw strument ta' ratifika;

2. Membri oħra tal-Aġenzija billi jiddepożitaw strument ta' adeżjoni wara li tkun ġiet approvata l-applikazzjoni tagħhom għas-sħubija. Is-sħubija għandha titqies bħala approvata jekk ma jiġi espress l-ebda nuqqas ta' ftehim sa tliet xhur wara li tkun intbagħtet l-applikazzjoni lill-Membri. F'każ ta' nuqqas ta' ftehim l-applikazzjoni għandha tiġi deċiża mill-Assemblea skont l-Artikolu IX, paragrafu H, punt 1.

C. Fil-każ ta' kwalunkwe organizzazzjoni reġjonali intergovernattiva għall-integrazzjoni ekonomika, l-organizzazzjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jiddeċiedu dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom rigward it-twettiq tal-obbligi tagħhom skont dan l-Istatut. L-organizzazzjoni u l-Istati Membri tagħha m'għandhomx ikunu intitolati li jeżerċitaw drittijiet, inklużi drittijiet tal-vot, skont l-Istatut fl-istess waqt. Fl-istrumenti tagħhom ta' ratifika jew ta' adeżjoni, l-organizzazzjonijiet imsemmija hawn fuq għandhom jiddikjaraw l-estent tal-kompetenza tagħhom fir-rigward tal-kwistjonijiet regolati minn dan l-Istatut. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom ukoll jgħarrfu lill-Gvern Depożitarju dwar tibdiliet rilevanti fl-estent tal-kompetenza tagħhom. Fil-każ ta' votazzjoni dwar kwistjonijiet fil-kompetenza tagħhom, organizzazzjonijiet reġjonali intergovernattivi għall-integrazzjoni ekonomika għandhom jivvotaw bin-numru ta' voti ugwali għan-numru totali ta' voti attribwibbli lill-Istati Membri tagħhom li huma wkoll membri ta' din l-Aġenzija.

Artikolu VII

Osservaturi

A. Il-pożizzjoni ta' osservatur tista' tingħata mill-Assemblea lil:

1. organizzazzjonijiet intergovernattivi u mhux governattivi attivi fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli;

2. Firmatarji li ma rratifikawx l-Istatut; u

3. applikanti għas-sħubija li l-applikazzjoni tagħhom għas-sħubija ġiet approvata skont l-Artikolu VI, paragrafu B, punt 2.

B. Osservaturi jistgħu jipparteċipaw mingħajr id-dritt għall-vot fis-sessjonijiet pubbliċi tal-Assemblea u tal-organi sussidjarji tagħha.

Artikolu VIII

Organi

A. Huma hawnhekk stabbiliti bħala l-organi prinċipali tal-Aġenzija:

1. l-Assemblea;

2. il-Kunsill; u

3. is-Segretarjat.

B. L-Assemblea u l-Kunsill, fuq approvazzjoni mill-Assemblea, jistgħu jistabbilixxu organi sussidjarji bħal dawn skont kif meħtieġ għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom skont dan l-Istatut.

Artikolu IX

L-Assemblea

A. 1. L-Assemblea hija l-organu suprem tal-Aġenzija.

2. L-Assemblea tista' tiddiskuti kull suġġett li jaqa' fl-ambitu ta' dan l-Istatut jew li huwa relatat mas-setgħat u l-funzjonijiet ta' kwalunkwe organu previsti f'dan l-Istatut.

3. Rigward kull suġġett bħal dan l-Assemblea tista':

(a) tieħu deċiżjonijiet u tagħmel rakkomandazzjonijiet lil kull organu bħal dan, u

(b) tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Membri tal-Aġenzija, fuq talba tagħhom.

4. Barra minn hekk, l-Assemblea għandu jkollha l-awtorità li tipproponi kwistjonijiet għall-konsiderazzjoni mill-Kunsill u li titlob lill-Kunsill u lis-Segretarjat għal rapporti dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-funzjonament tal-Aġenzija.

B. L-Assemblea għandha tkun komposta mill-Membri kollha tal-Aġenzija. L-Assemblea għandha tiltaqa' f'sessjonijiet regolari li għandhom isiru kull sena sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor.

C. L-Assemblea tinkludi rappreżentant wieħed minn kull Membru. Ir-rappreżentanti jistgħu jiġu akkumpanjati minn sostituti u konsulenti. L-ispejjeż tal-parteċipazzjoni ta' delegazzjoni għandhom jitħallsu mill-Istat Membru rispettiv.

D. Sessjonijiet tal-Assemblea għandhom isiru fis-sede tal-Aġenzija, sakemm l-Assemblea ma tiddeċidix mod ieħor.

E. Fil-bidu ta' kull sessjoni regolari, l-Assemblea għandha teleġġi President u uffiċjali oħra bħal dawn skont kif meħtieġ, waqt li tikkunsidra rappreżentanza ġeografika ekwa. Dawn għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu eletti President u uffiċjali ġodda fis-sessjoni regolari li jkun imiss. L-Assemblea għandha tadotta r-regoli tagħha ta' proċedura b'konformità ma' dan l-Istatut.

F. Skont l-Artikolu VI paragrafu C, kull Membru tal-Aġenzija għandu jkollu vot wieħed fl-Assemblea. L-Assemblea għandha tieħu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' proċedura permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-Membri preżenti u li jivvotaw. Deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' sustanza għandhom jittieħdu b'kunsens tal-Membri preżenti. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq l-ebda kunsens, il-kunsens għandu jitqies bħala milħuq jekk ma joġġezzjonawx aktar minn 2 Membri, sakemm l-Istatut ma jipprovdix mod ieħor. Meta jqum il-punt dwar jekk il-kwistjoni hijiex waħda ta' sustanza jew le, din għandha tiġi ttrattata bħala ta' sustanza sakemm l-Assemblea bil-kunsens tal-Membri preżenti ma tiddeċidix mod ieħor, li, jekk ma jintlaħaq l-ebda kunsens, għandu jitqies bħala milħuq jekk ma joġġezzjonawx aktar minn 2 Membri. Maġġoranza tal-Membri tal-Aġenzija għandha tikkostitwixxi kworum għall-Assemblea.

G. L-Assemblea għandha, bil-kunsens tal-Membri preżenti:

1. teleġġi l-membri tal-Kunsill;

2. tadotta fis-sessjonijiet regolari tagħha l-baġit u l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija, imressqa mill-Kunsill, u jkollha l-awtorità li tiddeċiedi dwar emendi tal-baġit u l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija;

3. tieħu deċiżjonijiet relatati mas-superviżjoni tal-politika finanzjarja tal-Aġenzija, mar-regoli finanzjarji u ma' kwistjonijiet finanzjarji oħra kif ukoll teleġġi l-awditur;

4. tapprova emendi li jsiru lil dan l-Istatut;

5. tiddeċiedi dwar it-twaqqif ta' korpi sussidjarji u tapprova t-termini ta' referenza tagħhom; u

6. tiddeċiedi dwar il-permess għall-vot skont l-Artikolu XVII, paragrafu A.

H. L-Assemblea għandha b'kunsens tal-Membri preżenti, li jekk ma jkunx jista' jintlaħaq l-ebda kunsens, għandu jitqies bħala milħuq jekk ma joġġezzjonawx aktar minn 2 Membri:

1. tiddeċiedi, jekk meħtieġ, dwar l-applikazzjonijiet għas-sħubija;

2. tapprova r-regoli ta' proċedura tal-Assemblea u tal-Kunsill, li għandhom jiġu ppreżentati minn dan tal-aħħar;

3. tadotta r-rapport annwali kif ukoll rapporti oħra;

4. tapprova l-konklużjoni ta' ftehimiet dwar il-mistoqsijiet, il-kwistjonijiet jew l-affarijiet kollha fl-ambitu ta' dan l-Istatut; u

5. tiddeċiedi dwar proġetti addizzjonali skont l-Artikolu V, paragrafu B fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Membri tagħha.

I. L-Assemblea għandha tinnomina s-sede tal-Aġenzija u d-Direttur Ġenerali tas-Segretarjat (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ "Direttur Ġenerali") bil-kunsens tal-Membri preżenti, jew, jekk ma jistax jintlaħaq l-ebda kunsens, b'vot ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Membri preżenti u li jivvotaw.

J. L-Assemblea għandha tikkunsidra u tapprova kif xieraq waqt l-ewwel sessjoni tagħha kull deċiżjoni, abbozzi ta' ftehimiet, dispożizzjonijiet u linji gwida mħejjija mill-Kummissjoni Preparatorja skont il-proċeduri tal-votazzjoni għall-ħruġ rispettiv skont kif stipulat fl-Artikolu IX, paragrafi F sa I.

Artikolu X

Il-Kunsill

A. Il-Kunsill għandu jikkonsisti minn mill-inqas 11 iżda mhux aktar minn 21 rappreżentant tal-Membri tal-Aġenzija, eletti mill-Assemblea. In-numru konkret ta' bejn 11 u 21 rappreżentant għandu jikkorrispondi għall-eqreb ekwivalenti ta' terz tal-Membri tal-Aġenzija li għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi tan-numru ta' Membri tal-Aġenzija fil-bidu tal-elezzjoni rispettiva għall-membri tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill għandhom jiġu eletti fuq bażi ta' rotazzjoni skont kif stabbilit fir-regoli ta' proċedura tal-Assemblea, bil-għan li jiġu żgurati l-parteċipazzjoni effettiva ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw u dik ta' pajjiżi żviluppati kif ukoll il-kisba ġusta u ekwa tad-distribuzzjoni ġeografika u l-effettività tal-ħidma tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill għandhom jiġu eletti għal terminu ta' sentejn.

B. Il-Kunsill għandu jiltaqa' kull sitt xhur u l-laqgħat tiegħu għandhom jinżammu fis-sede tal-Aġenzija, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor.

C. Il-Kunsill għandu, fil-bidu ta' kull laqgħa għall-perjodu sal-laqgħa tiegħu li jmiss, jeleġġi President u uffiċjali oħra minn fost il-membri tiegħu skont kif meħtieġ. Il-Kunsill għandu jkollu d-dritt li jelabora r-regoli tiegħu ta' proċedura. Dawn ir-regoli ta' proċedura għandhom jiġu ppreżentati lill-Assemblea għall-approvazzjoni.

D. Kull membru tal-Kunsill għandu jkollu vot wieħed. Il-Kunsill għandu jieħu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' proċedura permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu. Deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' sustanza għandhom jittieħdu minn maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu. Meta jqum il-punt dwar jekk il-kwistjoni hijiex waħda ta' sustanza jew le, dik il-kwistjoni għandha tiġi ttrattata bħala waħda ta' sustanza sakemm il-Kunsill, permezz ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu, ma jiddeċidix mod ieħor.

E. Il-Kunsill għandu jkun u għandu jinżamm responsabbli lejn l-Assemblea. Il-Kunsill għandu jwettaq il-poteri u l-funzjonijiet mogħtija lilu permezz ta' dan l-Istatut, kif ukoll dawk il-funzjonijiet delegati lilu mill-Assemblea. Meta jagħmel dan, għandu jaġixxi b'konformità mad-deċiżjonijiet u b'attenzjoni xierqa għar-rakkomandazzjonijiet tal-Assemblea waqt li jiżgura l-implimentazzjoni xierqa u kontinwa tagħhom.

F. Il-Kunsill għandu:

1. jiffaċilita l-konsultazzjonijiet u l-kooperazzjoni fost il-Membri;

2. jikkunsidra u jissottometti lill-Assemblea l-abbozz tal-programm ta' ħidma u l-abbozz tal-baġit tal-Aġenzija;

3. japprova arranġamenti għas-sessjonijiet tal-Assemblea inkluża l-preparazzjoni tal-abbozz tal-aġenda;

4. jikkunsidra u jissottometti lill-Assemblea l-abbozz tar-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija flimkien ma' rapporti oħra kif imħejjija mis-Segretarjat skont l-Artikolu XI, paragrafu E, numru 3 ta' dan l-Istatut;

5. iħejji rapporti oħra li l-Assemblea tista titlob;

6. jikkonkludi ftehimiet jew arranġamenti ma' Stati, organizzazzjonijiet internazzjonali u aġenziji internazzjonali f'isem l-Aġenzija, b'approvazzjoni minn qabel mill-Assemblea;

7. jivverifika l-programm ta' ħidma hekk kif adottat mill-Assemblea bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tiegħu mis-Segretarjat u fil-limiti tal-baġit adottat;

8. jkollu l-awtorità li jirreferi lill-Assemblea kwistjonijiet għall-konsiderazzjoni tagħha; u

9. jistabbilixxi organi sussidjarji, meta meħtieġ, skont l-Artikolu VIII, paragrafu B, u jiddeċiedi dwar it-termini tagħhom ta' referenza u dewmien.

Artikolu XI

Is-Segretarjat

A. Is-Segretarjat għandu jassisti lill-Assemblea, lill-Kunsill, u lill-organi sussidjarji tagħhom fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom. Huwa għandu jwettaq il-funzjonijiet l-oħra fdati lilu permezz ta' dan l-Istatut kif ukoll dawk il-funzjonijiet delegati lilu mill-Assemblea jew mill-Kunsill.

B. Is-Segretarjat għandu jkun magħmul minn Direttur Ġenerali, li għandu jkun il-kap u l-uffiċjal amministrattiv prinċipali tiegħu, u minn persunal skont kif meħtieġ. Id-Direttur Ġenerali għandu jinħatar mill-Assemblea fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal terminu ta' erba' snin, li jista' jiġġedded għal terminu ieħor, iżda mhux aktar.

C. Id-Direttur Ġenerali għandu jkun responsabbli lejn l-Assemblea u l-Kunsill, *inter alia* għall-ħatra tal-persunal kif ukoll għall-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Segretarjat. Il-konsiderazzjoni tal-akbar importanza fl-impjieg tal-persunal u fl-istipular tal-kondizzjonijiet tas-servizz għandha tkun il-ħtieġa li jiġu żgurati l-ogħla standards ta' effiċjenza, kompetenza u integrità. Għandha tingħata attenzjoni lill-importanza tal-fatt li r-reklutaġġ tal-persunal isir primarjament mill-Istati Membri u fuq bażi ġeografika wiesgħa kemm jista' jkun, billi tiġi kkunsidrata b'mod partikolari r-rappreżentazzjoni adegwata ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw u b'enfasi fuq bilanċ bejn is-sessi.

Fit-tħejjija tal-baġit ir-reklutaġġ propost għandu jiġi mmexxi mill-prinċipju li n-numru tal-persunal għandu jinżamm f'minimu meħtieġ għall-qadi b'mod xieraq tar-responsabbiltajiet tas-Segretarjat.

D. Id-Direttur Ġenerali jew rappreżentant maħtur minnu jew minnha għandu jipparteċipa, mingħajr id-dritt għall-vot, fil-laqgħat kollha tal-Assemblea u tal-Kunsill.

E. Is-Segretarjat għandu:

1. iħejji u jippreżenta lill-Kunsill l-abbozz tal-programm ta' ħidma u l-abbozz tal-baġit tal-Aġenzija;

2. jimplimenta l-programm ta' ħidma u d-deċiżjonijiet tal-Aġenzija;

3. jipprepara u jippreżenta lill-Kunsill l-abbozz tar-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija flimkien ma' rapporti oħra relatati fuq talba tal-Assemblea jew tal-Kunsill;

4. jipprovdi appoġġ amministrattiv u tekniku lill-Assemblea, lill-Kunsill u lill-organi sussidjarji tagħhom;

5. jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn l-Aġenzija u l-Membri tagħha; u

6. jiċċirkola l-pariri ta' politika wara li jingħataw lill-Membri tal-Aġenzija skont l-Artikolu IV, paragrafu C, punt 2 u jħejji u jissottometti lill-Assemblea u lill-Kunsill rapport dwar il-pariri ta' politika tiegħu għal kull waħda mis-sessjonijiet tagħhom. Ir-rapport lill-Kunsill għandu jinkludi wkoll il-pariri ta' politika ppjanati fl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali.

F. Fil-qadi ta' dmirijiethom, id-Direttur Ġenerali u l-membri l-oħra tal-persunal m'għandhomx ifittxu jew jirċievu struzzjonijiet minn gvernijiet jew minn kwalunkwe sors ieħor barra l-Aġenzija. Huma għandhom jastjenu minn kwalunkwe azzjoni li tista' tirrifletti fuq il-pożizzjonijiet tagħhom ta' uffiċjali internazzjonali responsabbli biss lejn l-Assemblea u l-Kunsill. Kull Membru għandu jirrispetta l-karattru esklussivament internazzjonali tar-responsabbiltajiet tad-Direttur Ġenerali u l-membri l-oħra tal-persunal u m'għandux jipprova jinfluwenzahom f'dak li jirrigwarda l-qadi tar-responsabbiltajiet tagħhom.

Artikolu XII

Il-baġit

A. Il-baġit tal-Aġenzija għandu jiġi ffinanzjat minn:

1. kontributi obbligatorji tal-Membri tagħha, li huma bbażati fuq l-iskala ta' valutazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, skont kif stipulat mill-Assemblea;

2. kontribuzzjonijiet volontarji; u

3. sorsi oħra possibbli

skont ir-regoli finanzjarji li għandhom jiġu adottati mill-Assemblea permezz ta' kunsens, kif stabbilit fl-Artikolu IX, paragrafu G ta' dan l-Istatut. Ir-regoli finanzjarji u l-baġit għandhom jiżguraw bażi finanzjarja soda tal-Aġenzija u għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-attivitajiet tal-Aġenzija, kif stabbilit mill-programm ta' ħidma. Kontribuzzjonijiet mandatorji għandhom jiffinanzjaw attivitajiet ewlenin u spejjeż amministrattivi.

B. L-abbozz tal-baġit tal-Aġenzija għandu jiġi mħejji mis-Segretarjat u ppreżentat lill-Kunsill biex jiġi eżaminat. Il-Kunsill għandu jew jgħaddih lill-Assemblea b'rakkomandazzjoni għall-approvazzjoni jew iroddu lura lis-Segretarjat għal reviżjoni u preżentazzjoni mill-ġdid.

C. L-Assemblea għandha taħtar awditur estern li għandu jżomm il-kariga għal perjodu ta' erba' snin u li għandu jkun eliġibbli biex jiġi elett mill-ġdid. L-ewwel awditur għandu jżomm il-kariga għal perjodu ta' sentejn. L-awditur għandu jeżamina l-kontijiet tal-Aġenzija u għandu jagħmel l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet meqjusa bħala neċessarji fir-rigward tal-effiċjenza tal-ġestjoni u tal-kontrolli finanzjarji interni.

Artikolu XIII

Personalità legali, privileġġi u immunitajiet

A. L-Aġenzija għandu jkollha personalità legali internazzjonali. Fit-territorju ta' kull Membru u soġġett għal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Aġenzija għandha tgawdi mill-kapaċità ġuridika nazzjonali li tista' tkun meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet u t-twettiq tal-għanijiet tagħha.

B. Il-Membri għandhom jiddeċiedu fuq ftehim separat dwar privileġġi u immunitajiet.

Artikolu XIV

Relazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet oħra

Soġġett għall-approvazzjoni tal-Assemblea, il-Kunsill għandu jkun awtorizzat sabiex jikkonkludi ftehim f'isem l-Aġenzija biex jiġu stabbiliti relazzjonijiet xierqa man-Nazzjonijiet Uniti u ma' kwalunkwe organizzazzjoni oħra li x-xogħol tagħha huwa relatat ma' dik tal-Aġenzija. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istatut m'għandux ikollhom effett fuq id-drittijiet u l-obbligi ta' kwalunkwe Membru li jirriżultaw minn trattati internazzjonali eżistenti.

Artikolu XV

Emendi u rtirar, reviżjoni

A. Emendi għal dan l-Istatut jistgħu jiġu proposti minn kwalunkwe Membru. Kopji ċertifikati tat-test ta' kwalunkwe emenda proposta għandhom jiġu ppreparati mid-Direttur Ġenerali u għandhom jiġu komunikati minnu lill-Membri kollha mill-inqas disgħin jum qabel il-konsiderazzjoni tagħha mill-Assemblea.

B. Emendi għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Membri kollha:

1. meta jiġu approvati mill-Assemblea wara konsiderazzjoni tal-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Kunsill dwar kull emenda proposta; u

2. wara li l-Membri kollha jkunu qablu li jiġu vinkolati mill-emenda skont il-proċessi kostituzzjonali rispettivi tagħhom. Il-Membri għandhom jesprimu l-kunsens tagħhom li jiġu vinkolati billi jiddepożitaw strument korrispondenti mad-Depożitarju msemmi fl-Artikolu XX, paragrafu A.

C. Fi kwalunkwe żmien wara ħames snin mid-data ta' meta dan l-Istatut jidħol fis-seħħ skont il-paragrafu D tal-Artikolu XIX, Membru jista' jirtira mill-Aġenzija permezz ta' avviż bil-miktub dwar din id-deċiżjoni mogħti lid-Depożitarju msemmi fl-Artikolu XX, paragrafu A, li għandu jgħarraf minnufih lill-Kunsill u lill-Membri kollha.

D. Irtirar bħal dan għandu jidħol fis-seħħ fl-aħħar tas-sena li fiha jkun ġie espress. L-irtirar ta' Membru mill-Aġenzija m'għandux jaffettwa l-obbligi kuntrattwali tiegħu stipulati skont l-Artikolu V, paragrafu B u l-obbligi finanzjarji tiegħu għas-sena li fiha jirtira.

Artikolu XVI

Soluzzjoni ta' tilwim

A. Il-Membri għandhom isolvu kwalunkwe tilwim bejniethom li jikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan l-Istatut b'mezzi paċifiċi skont l-Artikolu 2(3) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u, għal dan il-għan, għandhom isibu soluzzjoni permezz tal-mezzi indikati fl-Artikolu 33(1) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

B. Il-Kunsill jista' jikkontribwixxi għas-soluzzjoni ta' tilwima permezz ta' kwalunkwe mezzi li jidhirlu li huma xierqa, inkluż li joffri l-uffiċċji tajbin tiegħu, li jitlob lill-Membri maqbudin fit-tilwima li jibdew il-proċess ta' soluzzjoni tal-għażla tagħhom u li jirrakkomanda limitu ta' żmien għal kull proċedura miftiehma.

Artikolu XVII

Sospensjoni temporanja ta' drittijiet

A. Kwalunkwe Membru tal-Aġenzija li qiegħed lura fil-kontribuzzjonijiet finanzjarji tiegħu lill-Aġenzija m'għandu jkollu l-ebda dritt għall-vot jekk l-arretrati tiegħu jammontaw għal jew jaqbżu l-ammont tal-kontribuzzjonijiet tiegħu għas-sentejn ta' qabel. Madankollu, l-Assemblea tista' tippermetti li dan il-Membru jivvota jekk tkun konvinta li n-nuqqas li jsir il-pagament huwa riżultat ta' ċirkustanzi lil hinn mill-kontroll tal-Membru.

B. Membru li jkompli jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istatut jew dawk ta' xi ftehim li jkun daħal fih skont dan l-Istatut jista' jiġi sospiż milli jeżerċita l-privileġġi u drittijiet ta' sħubija mill-Assemblea li taġixxi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Membri preżenti u li tivvota fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

Artikolu XVIII

Sede tal-Aġenzija

Is-sede tal-Aġenzija għandha tiġi deċiża mill-Assemblea fl-ewwel sessjoni tagħha.

Artikolu XIX

Iffirmar, ratifika, dħul fis-seħħ u adeżjoni

A. Dan l-Istatut għandu jkun miftuħ għall-iffirmar mill-Istati kollha li huma membri tan-Nazzjonijiet Uniti u mill-organizzazzjonijiet reġjonali intergovernattivi għall-integrazzjoni ekonomika waqt il-Konferenza tal-Fondazzjoni kif stipulat fl-Artikolu VI, paragrafu A. Huwa għandu jibqa' miftuħ għall-iffirmar sad-data ta' meta jidħol fis-seħħ dan l-Istatut.

B. Għal Stati u organizzazzjonijiet reġjonali intergovernattivi għall-integrazzjoni ekonomika kif stipulat fl-Artikolu VI, paragrafu A li ma ffirmawx dan l-Istatut, dan l-Istatut għandu jkun miftuħ għall-adeżjoni wara li s-sħubija tagħhom tkun ġiet approvata mill-Assemblea skont l-Artikolu VI, paragrafu B, punt 2.

C. Kunsens għal vinkolazzjoni b'dan l-Istatut għandu jiġi espress billi jiġi depożitat strument ta' ratifika jew ta' adeżjoni mad-Depożitarju. Ir-ratifika ta' jew l-adeżjoni ma' dan l-Istatut għandhom isiru mill-Istati b'konformità mal-proċessi kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

D. Dan l-Istatut għandu jidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara d-data li fiha jkun sar id-depożitu tal-ħamsa u għoxrin strument ta' ratifika.

E. Għal Stati jew organizzazzjonijiet reġjonali intergovernattivi għall-integrazzjoni ekonomika li jiddepożitaw strument ta' ratifika jew ta' adeżjoni wara d-dħul fis-seħħ tal-Istatut, dan l-Istatut għandu jidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara d-data tad-depożitu tal-istrument rilevanti.

F. Ma jistgħu jsiru l-ebda riżervi għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Istatut.

Artikolu XX

Id-depożitarju, reġistrazzjoni, it-test awtentiku

A. Il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja hawnhekk qed jiġi nnominat bħala d-Depożitarju ta' dan l-Istatut u ta' kull strument ta' ratifika jew ta' adeżjoni.

B. Dan l-Istatut għandu jiġi rreġistrat mill-Gvern Depożitarju skont l-Artikolu 102 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

C. Dan l-Istatut, magħmul bl-Ingliż, għandu jiġi depożitat fl-arkivji tal-Gvern Depożitarju.

D. Kopji debitament ċertifikati ta' dan l-Istatut għandhom jiġu trażmessi mill-Gvern Depożitarju lill-gvernijiet tal-Istati u lill-organi eżekuttivi ta' organizzazzjonijiet reġjonali intergovernattivi għall-integrazzjoni ekonomika li ffirmaw jew li ġew approvati għas-sħubija skont l-Artikolu VI, paragrafu B, numru 2.

E. Il-Gvern Depożitarju għandu jinforma minnufih lill-Firmatarji kollha ta' dan l-Istatut dwar id-data ta' kull depożitu ta' kwalunkwe strument ta' ratifika kif ukoll dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Istatut.

F. Il-Gvern Depożitarju għandu jinforma minnufih lill-Firmatarji u lill-Membri kollha dwar id-dati li fihom Stati jew organizzazzjonijiet reġjonali intergovernattivi għall-integrazzjoni ekonomika sussegwentement isiru membri.

G. Il-Gvern Depożitarju għandu jibgħat minnufih applikazzjonijiet ġodda għas-sħubija lill-Membri kollha tal-Aġenzija biex dawn jiġu kkunsidrati skont l-Artikolu VI, paragrafu B, numru 2.

B'XHIEDA TA' DAN is-sottoskritti, debitament awtorizzati, iffirmaw dan l-Istatut.

Magħmul f'Bonn, fis-26 ta' Jannar 2009, f'oriġinal waħdieni, fil-lingwa Ingliża.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/386/PESK

tat-12 ta' Lulju 2010

li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet suġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ([1]).

(2) Fit-22 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2009/1004/PESK li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet suġġetti għall-Artikoli 2, 3, u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK ([2]).

(3) F'konformità mal-Artikolu 1(6) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK, hu meħtieġ li ssir reviżjoni kompleta tal-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom tapplika l-Pożizzjoni Komuni 2009/1004/PESK.

(4) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riżultat tar-reviżjoni li l-Kunsill għamel fir-rigward tal-persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.

(5) Il-Kunsill iddetermina li m'għadx hemm raġunijiet biex ċerti gruppi jinżammu fuq il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għaliha tapplika l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.

(6) Il-Kunsill ikkonkluda li bl-eċċezzjoni tal-gruppi msemmija fil-premessa (5), il-persuni, il-gruppi u l-entitajiet l-oħra li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK kienu involuti f'atti terroristiċi fis-sens tal-Artikolu 1(2) u (3) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK, li ttieħdet deċiżjoni fir-rigward tagħhom minn awtorità kompetenti fis-sens tal-Artikolu 1(4) ta' dik il-Pożizzjoni Komuni, u li huma għandhom ikomplu jkunu suġġetti għall-miżuri restrittivi speċifiċi previsti fiha.

(7) Il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK għandha tkun aġġornata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK għandha tkun dik stabbilita fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2009/1004/PESK hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2010.

Għall-Kunsill
Il-President
S. LARUELLE

([1]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93.
([2]) ĠU L 346, 23.12.2009, p. 58.

ANNESS

LISTA TA' PERSUNI, GRUPPI U ENTITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

1. PERSUNI

1. ABOU, Rabah Naami (magħruf ukoll bħala Naami Hamza; magħruf ukoll bħala Mihoubi Faycal; magħruf ukoll bħala Fellah Ahmed; magħruf ukoll bħala Dafri Rèmi Lahdi) imwieled fl-1.2.1966 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al- Hijra")

2. ABOUD, Maisi (magħruf ukoll bħala l-Abderrahmane Svizzeru) imwieled fis- 17.10.1964 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

3. AL-MUGHASSIL, Ahmad Ibrahim (magħruf ukoll bħala ABU OMRAN; magħruf ukoll bħala AL-MUGHASSIL, Ahmed Ibrahim) imwieled fis-26.6.1967 f'Qatif-Bab al Shamal (Arabja Sawdita); ċittadin tal-Arabja Sawdita

4. AL-NASSER, Abdelkarim Hussein Mohamed, imwieled f'Al Ihsa (l-Arabja Sawdita); ċittadin ta' Arabja Sawdita

5. AL YACOUB, Ibrahim Salih Mohammed, imwieled fis-16.10.1966 f'Tarut, l-Arabja Sawdita; ċittadin tal-Arabja Sawdita

6. ARIOUA, Kamel (magħruf ukoll bħala Lamine Kamel) imwieled fit-18.8.1969 f'Kostantin (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

7. ASLI, Mohamed (magħruf ukoll bħala Dahmane Mohamed) imwieled fit-13.5.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

8. ASLI, Rabah imwieled fit-13.5.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

9. ATWA, Ali (magħruf ukoll bħala BOUSLIM, Ammar Mansour; magħruf ukoll bħala SALIM, Hassan Rostom), il-Libanu, imwieled fl-1960 fil-Libanu; ċittadin tal-Libanu

10. BOUYERI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Abu ZUBAIR; magħruf ukoll bħala SOBIAR; magħruf ukoll bħala Abu ZOUBAIR), imwieled fit-08.3.1978 f'Amsterdam (l-Olanda) (Membru tal-"Hofstadgroep")

11. DARIB, Noureddine (magħruf ukoll bħala Carreto; magħruf ukoll bħala Zitoun Mourad) imwieled fl-1.2.1972 fl-Alġerija (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

12. DJABALI, Abderrahmane (magħruf ukoll bħala Touil) imwieled fl-01.6.1970 fl- Alġerija (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

13. EL FATMI, Nouredine (magħruf ukoll bħala Nouriddin EL FATMI; magħruf ukoll bħala Nouriddine EL FATMI; magħruf ukoll bħala Noureddine EL FATMI; magħruf ukoll bħala Abu AL KA'E KA'E; magħruf ukoll bħala Abu QAE QAE; magħruf ukoll bħala FOUAD; magħruf ukoll bħala FZAD; magħruf ukoll bħala Nabil EL FATMI; magħruf ukoll bħala Ben MOHAMMED; magħruf ukoll bħala Ben Mohand BEN LARBI; magħruf ukoll bħala Ben Driss Muhand IBN LARBI; magħruf ukoll bħala Abu TAHAR; magħruf ukoll bħala EGGIE), imwieled fil-15.8.1982 f'Midar (il-Marokk), Nru tal-passaport (il-Marokk) N829139 (Membru tal-"Hofstadgroep")

14. EL-HOORIE, Ali Saed Bin Ali (magħruf ukoll bħala AL-HOURI, Ali Saed Bin Ali; magħruf ukoll bħala EL-HOURI, Ali Saed Bin Ali) imwieled fl-10.7.1965 jew il- 11.7.1965 f'El Dibabiya, (l-Arabja Sawdita); ċittadin tal-Arabja Sawdita

15. FAHAS, Sofiane Yacine, imwielda fl-10.9.1971 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta'"al-Takfir" u "al-Hijra"

16. IZZ-AL-DIN, Hasan (magħruf ukoll bħala GARBAYA, AHMED; magħruf ukoll bħala SA-ID; magħruf ukoll bħala SALWWAN, Samir), il-Libanu, imwieled fl-1963 fil- Libanu, ċittadin tal-Libanu

17. MOHAMMED, Khalid Shaikh (magħruf ukoll bħala ALI, Salem; magħruf ukoll bħala BIN KHALID, Fahd Bin Adballah; magħruf ukoll bħala HENIN, Ashraf Refaat Nabith; magħruf ukoll bħala WADOOD, Khalid Adbul) imwieled fl-14.4.1965 jew fl-1.3.1964 fil-Pakistan, passaport Nru 488555

18. MOKTARI, Fateh (magħruf ukoll bħala Ferdi Omar) imwieled fis-26.12.1974 f'Hussein Dey (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

19. NOUARA, Farid imwieled fil-25.11.1973 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

20. RESSOUS, Hoari (magħruf ukoll bħala Hallasa Farid) imwieled fil-11.9.1968 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

21. SEDKAOUI, Noureddine (magħruf ukoll bħala Nounou) imwieled fit-23.6.1963 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

22. SELMANI, Abdelghani (magħruf ukoll bħala Gano) imwieled fl-14.6.1974 f'Alġeri (l- Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

23. SENOUCI, Sofiane imwielda fil-15.4.1971 f'Hussein Dey (l-Alġerija) (Membru ta'"al-Takfir" u "al-Hijra")

24. TINGUALI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Mouh di Kouba) imwieled fil- 21.4.1964 fi Blida (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

25. WALTERS, Jason Theodore James (magħruf ukoll bħala Abdullah; magħruf ukoll bħala David), imwieled fis-6.3.1985 f'Amersfoort (l-Olanda), Nru tal-passaport (l- Olanda) NE8146378 (Membru tal-"Hofstadgroep")

2. GRUPPI U ENTITAJIIET

1. L-Organizzazzjoni Abu Nidal ("ANO"), (magħrufa ukoll bħala l-"Kunsill Rivoluzzjonarju ta' Fatah", il-"Brigati Rivoluzzjonarji Gharab", "Settembru l- Iswed", u l-"Organizzazzjoni Rivoluzzjonarja tal-Musulmani Soċjalisti")
2. "Il-Brigata tal-Martri ta' Al-Aqsa"
3. "Al-Aqsa e.V."
4. "Al-Takfir" u "Al-Hijra"
5. "Aum Shinrikyo" (magħruf ukoll bħala "AUM", magħruf ukoll bħala "Aum Verita Suprema," magħruf ukoll bħala "Aleph")
6. "Babbar Khalsa"
7. Il-"Partit Komunista tal-Filippini", inkluż "l-Armata l-Ġdida tal-Poplu" - "NPA", il-Filippini
8. "Gama'a al-Islamiyya" ("Grupp Islamiku"), (magħruf ukoll bħala "Al-Gama'a al-Islamiyya" - "IG") "İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi" "IBDA-C"(Il-Front Kbir Islamiku tal- Ġellieda tal-Lvant)
9. "İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi" - "IBDA-C" ("Great Islamic Eastern Warriors Front")
10. "Hamas" (inkluż "Hamas-Izz al-Din al-Qassem")
11. "Hizbul Mujahideen" ("HM")
12. "Hofstadgroep"
13. Il-"Fondazzjoni ta' l-Art Imqaddsa għas-Soljev u l-Iżvilupp"
14. Il-"Federazzjoni Internazzjonali taż-Żgħażagħ Sikh" ("ISYF")
15. Il-"Forza Khalistan Zindabad" ("KZF")
16. Il-"Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan" ("PKK"), (magħruf ukoll bħala "KADEK"; magħruf ukoll bħala "KONGRA-GEL")
17. "Tigri għal-Liberazzjoni ta' Tamil Eelam" ("LTTE")
18. L-"Armata għal-Liberazzjoni Nazzjonali" ("Ejército de Liberación Nacional")
19. Il-"Jihad Islamika Palestinjana" ("PIJ")
20. Il-"Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina" ("PFLP")
21. Il-"Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina - Kmand Ġenerali", (magħruf ukoll bħala "PFLP - Kmand Ġenerali")
22. "Fuerzas armadas revolucionarias de Colombia" "Il-Forzi Armati Rivoluzzjonarji tal-Kolombja" ("FARC")
23. "Devrimci Halk Kurtuluș Partisi-Cephesi" "L-Armata/Il-Front/Il-Partit Rivoluzzjonarju/a għal-Liberazzjoni tal-Poplu" ("DHKP/C"), (magħruf ukoll bħala "Devrimci Sol" ("Xellug Rivoluzzjonarju"), "Dev Sol")
24. It-"Triq li Tiddi" (SL) ("Sendero Luminoso")
25. "Stichting Al Aqsa" (magħruf ukoll bħala "Stichting Al Aqsa Nederland", magħruf ukoll bħala "Al Aqsa Nederland")
26. "TAK" - "Teyrbazen Azadiya Kurdistan", magħruf ukoll bħala l-"Kurdistan Freedom Falcons", il-"Kurdistan Freedom Hawks"
27. Il-"Forzi/Grupp Magħqud(a) għad-Difiża Leġittima tal-Kolombja" ("AUC") ("Autodefensas Unidas de Colombia")

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Lulju 2010

li temenda d-Deċiżjoni 2008/630/KE dwar miżuri ta' emerġenza li japplikaw għall-krustaċji importati mill-Bangladexx u li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4739)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/387/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(ii) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-ikel u l-għalf b'mod ġenerali, u b'mod partikolari s-sigurtà tal-ikel u l-għalf, fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali. Dan jistipula miżuri ta' emerġenza fejn huwa evidenti li ikel jew għalf importat minn pajjiż terz x'aktarx huwa ta' riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent, u li riskju bħal dan ma jistax jitrażżan b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri meħuda mill-Istat Membru/Istati Membri kkonċernat/i.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali ([2]), tistipula li l-proċess tal-produzzjoni tal-annimali u tal-prodotti primarji li joriġinaw mill-annimali għandu jkun sorveljat bil-għan li tinstab il-preżenza ta' ċerti residwi u sustanzi f'annimali ħajjin, fil-ħmieġ tagħhom u fis-sustanzi fluwidi ta' ġisimhom u fit-tessuti, fil-prodotti tal-annimali, fl-għalf tal-annimali u fl-ilma tax-xorb.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE tat-14 ta' Awwissu 2002 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE rigward il-ħidma ta' metodi analitiċi u l-interpretazzjoni tar-riżultati ([3]), tipprovdi regoli għall-metodi analitiċi li għandhom jintużaw fl-ittestjar ta' kampjuni uffiċjali meħuda skont id-Direttiva 96/23/KE u tispeċifika kriterji komuni għall-interpretazzjoni tar-riżultati analitiċi ta' laboratorji uffiċjali ta' kontroll għal kampjuni bħal dawn.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali ([4]) jistabbilixxi regoli u proċeduri għall-klassifikazzjoni ta' sustanzi farmakoloġikament attivi u biex tkun stabbilita l-konċentrazzjoni massima ta' residwi ta' sustanzi bħal dawn li jistgħu jkunu permessi f'ikel li joriġina mill-annimali, b'mod partikolari l-limitu massimu ta' residwi (MRLs).

(5) Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 jistabbilixxi regoli u proċeduri biex ikun stabbilit il-livell ta' residwi ta' sustanza farmakoloġikament attiva għal raġunijiet ta' kontroll fil-każ ta' ċerti sustanzi li għalihom ma kienx stabbilit limitu massimu ta' residwi skont dak ir-Regolament, b'mod partikolari punti ta' referenza għal azzjoni.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/630/KE tal-24 ta' Lulju 2008 dwar miżuri ta' emerġenza li japplikaw għall-krustaċji importati mill-Bangladexx u li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([5]) ġiet adottata wara l-iskoperta tal-preżenza ta' residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji u sustanzi mhux awtorizzati fi krustaċji importati minn dak il-pajjiż terz u li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Din tipprovdi li l-kunsinni ta' krustaċji importati fl-Unjoni mill-Bangladexx u maħsuba għall-konsum uman għandhom jiġu ttestjati għall-preżenza ta' chloramphenicol, metaboliti tan-nitrofurani, tetracycline, malakita ħadra u kristall vjola.

(7) Ir-riżultati tal-ispezzjoni tal-Kummissjoni lill-Bangladexx f'Jannar 2010 wrew li n-nuqqas li kien identifikat qabel ta' kapaċità xierqa mill-laboratorju għall-ittestjar ta' ċerti residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji fl-annimali ħajjin u prodotti minn annimali għadha tippersisti. Barra minn hekk, hu wkoll magħruf li l-oxytetracycline u l-chlortetracycline jintużaw fil-Bangladexx.

(8) Billi l-miżuri meħuda s'issa mill-Bangladexx mhumiex biżżejjed, tkun ħaġa xieraqa li l-miżuri ta' emerġenza preskritti fid-Deċiżjoni 2008/630/KE li jiżguraw il-protezzjoni effettiva u uniformi tas-saħħa tal-bniedem fl-Istati Membri kollha jiġu riveduti. B'mod partikolari, jinħtieġ li tkun permessa l-importazzjoni ta' krustaċji importati mill-Bangladexx u li huma maħsuba għall-konsum uman fl-Unjoni, sakemm isiru t-testijiet xierqa fil-post ta' oriġini.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.
([3]) ĠU L 221, 17.8.2002, p. 8.
([4]) ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11.
([5]) ĠU L 205, 1.8.2008, p. 49.

(9) Barra minn hekk, proporzjon sinifikanti ta' krustaċji importati mill-Bangladexx għandhom jgħaddu mit-testijiet analitiċi mill-Istati Membri għat-tfittix tal-preżenza ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi qabel ma dawn jitpoġġew fis-suq fl-Unjoni. Ir-riżultati ta' testijiet bħal dawn għandhom jipprovdu informazzjoni aktar preċiża dwar il-livell attwali ta' kontaminazzjoni ma' dawk ir-residwi fil-krustaċji li joriġinaw mill-Bangladexx.

(10) Huwa xieraq li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-riżultati tat-testijiet analitiċi mwettqa, meta dawk ir-riżultati juru l-preżenza ta' sustanzi farmakoloġikament attivi mhux awtorizzati għall-użu f'annimali li jipproduċu l-ikel, jew aktar mil-limiti massimi ta' residwu stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom ukoll jippreżentaw b'mod regolari rapporti lill-Kummissjoni dwar it-testijiet kollha mwettqa minnhom.

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikoli 2, 3 u 4 tad-Deċiżjoni 2008/630/KE huma mibdula b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni lejn l-Unjoni tal-kunsinni sakemm dawn ikollhom magħhom ir-riżultati ta' test analitiku mwettaq fl-istadju tal-oriġini biex ikun żgurat li dawn mhumiex ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem ("it-test analitiku").

2. It-test analitiku kellu jkunu imwettaq fuq kampjun uffiċjali, sabiex tinstab il-preżenza ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi, kif definit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), u b'mod partikolari dawn kellhom jiġu ttestjati għall-preżenza ta':

— chloramphenicol, tetracycline, oxytetracycline, chlortetracycline;

— metaboliti tan-nitrofurans;

— aħdar malakita u vjola kristall u l-metaboliti leuco rispettivi tagħhom.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-kunsinni tal-prodotti li ma jkollhomx magħhom ir-riżultati tat-test analitiku sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jiżgurax li kull kunsinna tgħaddi mill-verifiki xierqa kollha mal-wasla tagħha fuq il-Post ta' Fruntiera tal-Unjoni biex ikun żgurat li dawn mhumiex ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom, permezz ta' pjanijiet xierqa dwar it-teħid tal-kampjuni, jiżguraw li l-kampjuni uffiċjali jittieħdu minn tal-anqas 20 % tal-kunsinni msemmija fl-Artikolu 1.

Dawk il-kampjuni uffiċjali għandhom jgħaddu minn testijiet analitiċi għas-sejbien tal-preżenza ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi, kif definit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, u b'mod partikolari dawn għandhom ikunu ġew ittestjati għall-preżenza tal-chloramphenicol, tetracycline, oxytetracycline, chlortetracycline u metaboliti tan-nitrofurans.

Artikolu 4

Il-kunsinni li minnhom ikunu ttieħdu l-kampjuni uffiċjali skont l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 2(3) għandhom jinżammu taħt detenzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat sakemm jitlestew it-testijiet analitiċi.

Dawk il-kunsinni jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ir-riżultati tat-testijiet analitiċi jikkonfermaw il-konformità tal-kunsinni mal-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009.

Artikolu 4a

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni bir-riżultati tat-testijiet analitiċi jekk dawk it-testijiet jiżvelaw il-preżenza ta' kwalunkwe sustanza farmakoloġikament attiva:

(a) ikklassifikata skont l-Artikolu 14(2)(a), (b) jew (c) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 f'livell li jisboq il-limitu massimu ta' residwu stabbilit skont dak ir-Regolament; jew

(b) mhux ikklassifikata skont l-Artikolu 14(2)(a), (b) jew (c) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009.

Ir-riżultati ta' dawk it-testijiet analitiċi għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tas-sistema ta' twissija rapida mwaqqfa permezz tal-Artikolu 50(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002. L-Istat Membru kkonċernat mhuwiex obbligat li jinnotifika lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' tali testijiet permezz ta' sistema ta' twissija rapida fejn il-livell ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi tkun anqas:

(i) mill-punt ta' referenza għall-azzjoni stabbilita għal dik is-sustanza permezz tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009; jew

(ii) mil-limitu minimu ta' rendiment mitlub li kien stabbilit għal dik is-sustanza msemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE (**).

Artikolu 4b

L-Istati Membri għandhom jippreparaw rapport kull tliet xhur, li fih jagħti kont tar-riżultati kollha tat-testijiet analitiċi mwettqa fl-aħħar tliet xhur fuq kunsinni tal-prodotti mill-Bangladexx.

Dawn ir-rapporti għandhom jitressqu lill-Kummissjoni matul ix-xahar ta' wara kull perjodu ta' tliet xhur, f'April, Lulju, Ottubru, u Jannar.

(*) ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11.
(**) ĠU L 221, 17.8.2002, p. 8."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-15 ta' Lulju 2010.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2010.

Għall-Kummissjoni
John DALLI
Membru tal-Kummissjoni

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT